MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 2275/2000/1

**Lawrence Collins.**

**-vs-**

**L.A.J.J. Enterprises Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta’ Ottubru, 2000 li permezz taghha l-attur ppremetta:

Illi l-attur ghamel numru ta’ snin, u cioe’ mill-1 ta’ Jannar 1996 sal-31 ta’ Awissu 1999, jahdem bhala salesmanager mas-socjeta’ konvenuta.

Illi s-socjeta’ konvenuta kienet thallas lill-attur commission fuq il-flus dovuti lilha u migbura minn bejgh, oltre s-salarju baziku tieghu.

Illi s-socjeta’ konvenuta hija debitur a favur tal-attur fis-somma ta’ sitt’elef, hames mija u disa’ u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm6589.20) rapprezentanti ammont ta’ commission fuq il-flus migbura mis-socjeta’ konvenuta minn bejgh (Dok A).

Illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara s-socjeta’ konvenuta debitur a favur tal-attur fis-somma ta’ sitt’elef, hames mija u disa’ u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm6589.20), oltre imghax legali.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ sitt’elef, hames mija u disa’ u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm6589.20), oltre’ l-imghax legali.

Bl-ispejjes inkluz tal-ittra ufficjali datata 5 ta’ Gunju 2000 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fil-15 ta’ Mejju, 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepixxiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-art. 2147 (c) tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu dawn jirreferixxu ghal kummissjoni fuq gbir ta’ flus dovuti lis-socjeta’ konvenuta li ma gewx migbura mill-attur.

3. Illi fi kwalsiasi kaz, anke jekk kellu jirrizulta dovut xi haga lill-attur, l-azzjoni attrici hi intempestiva peress illi l-attur qatt ma talab lill-eccipjenti biex thallsu dak li jista’ jirrizulta dovut.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn Mario Falzon ID 648959(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-14 ta’ Mejju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe’ dik tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher l-atturi qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-artikolu 2147 (c) tal-Kap 12. Dan jghid li azzjonijiet ta’ persuni imhallsa bix-xahar jew haddiema ghall paga jew salarju taghhom hija preskritta wara sena. Ghalkemm l-attur qed ifittex ghall-hlasijiet ta’ kommissjonijiet ma hemmx kwistjoni li din hija l-preskrizzjoni applikabbli. L-artikolu 2137 jghid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setghet saret.

F'dan il-kaz, jidher mill-atti processwali li l-attur talab permezz tal-ittra ufficjali in kwistjoni illi jithallas ta' kommissjonijiet dovuti sar bejn l-1996 u s-sena 1999; madankollu jirrizulta li saru xi hlasijiet fil-frattemp. Skond il-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom l-ahhar hlas sar fis-27 ta' Lulju 1999 (fol 19). Kwindi zgur sa dakinhar ma kienx hemm kwistjonijiet. L-attur anzi qal fix-xhieda tieghu li f'Awwissu 1999 meta ma baqax impjegat mal-konvenuti dawn qalulu li kien se jithallas ta' kull ma kien dovut. Fil-5 ta' Gunju 2000 l-attur spedixxa ittra ufficjali lill-konvenuti illi giet debitament notifikata fit-3 ta' Awwissu 2000.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelina Vella vs Anthony Borg (16 ta' Settembru 1994) intqal illi;

*Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa' interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu..*

Ghalhekk hu zgur li l-perjodu preskrittiv beda ghaddej f'Lulju jew Awwissu 1999 izda gie interroti meta ntbaghtet l-ittra ufficjali li giet notifikata (artiklu 2128 tal-Kap 12) f'Gunju 2000, anke jekk wiehed jiehu li l-preskrizzjoni bdiet tiddeokorri fis-27 ta' Lulju 1999 ghax in-notifika saret fit-3 ta' Awwissu 2000 u kwindi entro' t-terminu ta' xahar previst mill-artiklu 2130; il-kawza giet intavolata fl-10 ta' Ottubru tal-2000 u ghalhekk saret entro' t-terminu preskrittiv.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna li l-kawza titkompla.**

**Spejjes ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------